MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 892/2007/1

**Anthony sive Twanny Mangion**

**v.**

**Emanuel u Sandy konjuġi Zammit**
**Catherine sive Carry Tabone**
**John Muscat**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell ad istanza tar-rikorrent Anthony sive Twanny Mangion mis-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru 2012 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-Qorti:

(1) tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u konsegwentement tordna li l-atti jiġu rinvjati lura lill-istess Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, diversament preseduta, sabiex il-vertenza tiġi trattata u definita kif jistħoqq, bl-ispejjeż kontra l-appellati; jew alternattivament

(2) tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenuti, hawn appellati, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha peress li fiha hemm riprodotti r-rikors promotorju, ir-risposta tal-intimati, il-fatti fil-qosor tal-kawża u l-konsiderazjzonijiet li għamlet l-ewwel Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha:
"Il-Qorti,

"Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-24 t'Awwissu, 2007, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. "Illi permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef tal-15 ta' Frar, 2003, ir-rikorrenti xtraw il-porzjon art indikat fl-ewwel paragrafu tal-istess rikors f'Haz-Zabbar;
2. "Illi di piu`, l-istess rikorrenti kien ukoll f'isem ohtu hemm ukoll indikata, xtara feles art hemm ukoll indikata;

3. "Illi wara l-art tar-rikorrenti hemm raba' proprjeta` ta' Carmel Tabone illum mejjet, liema proprjeta` ghaddiet ghand l-intimati werrieta tieghu;

4. "Illi r-rikorrenti kien jippermetti lid-*decuius* Tabone fuq indikat biex jghaddi minn fuq ir-raba' tieghu b'mera tolleranza;

5. “Illi hekk kif gie nieqes l-imsemmi Tabone, ir-rikorrenti ghalaq il-fetha ta’ bejn l-eghlieqi biex il-proprjetajiet jergghu jigu fl-istat originali taghhom;

6. “Illi fl-1 ta’ Lulju, 2007, l-intimati jew min minnhom unilateralment waqqghu parti mill-hajt divizorju ta’ bejn l-eghlieqi tal-kontendenti bil-konsegwenza li saru hsarat fil-katusa sitwata vicin;

7. “Illi meta l-Pulizija nvestigaw is-suespost l-intimat Emanuel Zammit u l-intimati l-ohra ammettew maghhom li effettwaw dawn il-hsarat u assumew ir-responsabbilita` li jsewwuhom;

8. “Illi ghalkemm il-kontendenti ltaqghu biex jirrizolvu l-kwistjoni amikevolment, dan it-tentattiv falla mizerabilment u konsegwentement ir-rikorrenti kien kostrett jintavola din il-procedura biex jitlob lill-qorti:

i. “Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, ikkommettew spoll meta waqqghu parti mill-hajt li hemm bejn iz-zewg eghlieqi in dizamina u li konsegwentement ghamlu wkoll hsara lill-katusa li hemm fil-vicin;

ii. “Tordna lill-intimati jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju prefissat gudizjarjament jirriintegraw lir-rikorrenti fil-pussess esklussiv li kellu u allura biex:

a. “L-intimati jergghu jtellghu l-hajt li twaqqa’ bejn l-imsemmija eghlieqi;

b. “Jaghmlu x-xoghol kollu necessarju, inkluz li jirrangaw il-katusa de quo;

iii. “Illi fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti jirripristina l-hajt u l-katusa ghall-istat originali taghhom a spejjez tal-intimati jew min minnhom;

iv. “Bl-ispejjez kontra l-istess intimati;

“Rat ir-risposta guramentata tal-intimati fuq indikati li permezz taghha rrispondew sintetikament bil-mod segwenti:

1. “Illi r-rikorrenti jrid jipprova l-elementi kostituttivi l-ispoll;

2. “Illi l-intimati Catherine sive Carry Tabone u Sandy Zammit ma kkommettewx spoll u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

3. “Illi kull ma l-intimati Emanuel Zammit u John Muscat ghamlu, kien in tutela tad-drittijiet taghhom in konsonanza mal-principju *“vim vi repellere licet”* stante li kienu huma li gew spoljati mid-drittijiet taghhom mir-rikorrenti Mangion;

4. “Illi l-intimati kellhom dritt ta’ passagg bir-rigel minn fuq ir-raba’ tar-rikorrenti de quo ghar-raba’ taghhom u li dan id-dritt kien ilu jigi enforzat anke mill-awtur taghhom snin twal;

5. “Illi kien ir-rikorrenti li ha l-ligi b’idejh u mblokka l-istess passagg bil-gebel u dan, fuq ammissjoni tieghu stess, minnu riprodotta fir-rikors promotur guramentat tieghu;

6. “Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li kien b’mera tolleranza jippermetti lil Carmel Tabone jghaddi mir-raba’ tieghu hi wahda ghal kollox inveritiera, stante li dan id-dritt ta’ passagg in dizamina li Tabone kellu kien ilu jigi ezercitat mill-istess Tabone ghal snin twal qabel ma r-rikorrenti xtara r-raba’ de quo;

7. “Illi peress li r-raba’ tal-intimati hi ccirkondata minn eghlieqi ohra u li l-uniku passagg ghaliha hu mill-ghalqa tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti ghandu l-obbligu li jippermetti dan il-passagg lill-intimati u b’hekk, ma jfixkilhomx fl-ezercizzju tad-drittijiet taghhom;

8. “Illi rigward il-katusa msemmija mir-rikorrenti, jsostnu li din hi sitwata fi proprjeta` taghhom u

konsegwentement it-tieni talba tar-rikorrenti fir-rigward hi totalment infondata;

“Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-18 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma’ l-provi kollha f’din il-kawza;

“Rat id-digriet ta’ din il-qorti kif preseduta datat il-11 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, ordnat li jinzamm access kondott minnha stess fid-data hemm indikata;

“Rat il-verbal tal-access datat it-8 ta’ Novembru, 2011;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet sottomessi mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, rispettivament ghar-rikorrenti pprezentata in atti fit-23 ta’ Marzu, 2012, u ghall-intimati pprezentata in atti fit-12 ta’ Mejju, 2012;

“Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

“Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-istess abbli rapprezentanti legali fuq indikati;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-fatti li jirrizultaw jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. “Illi l-ilment principali tar-rikorrenti jirrigwarda zewg misfatti minnu allegati, senjatament:

i. Illi l-intimati waqqghu hajt li hu tella’ bejn l-eghlieqi taghhom;

ii. Illi f’dan il-process l-intimati kkagunaw hsarat lill-katusa li hemm fuq il-post;

“Ikkunsidrat:

“Illi pero`, l-kontenzjoni tal-intimati, hi preliminarjament maqsuma fi tnejn, senjatament:

1. “Illi l-intimata Tabone hi anzjana u ma waqqghet l-ebda hitan, kif ukoll l-intimata Sandy Zammit li hi ghal kollox estranea ghall-allegat akkadut;

2. “Illi mill-bqija, l-intimati u l-awtur taghhom qabilhom, igawdu d-dritt ta’ passagg mill-ghalqa tar-rikorrenti u kienu ilhom hekk igawduh ghal diversi snin;

“Ikkunsidrat:

“Illi ghalhekk permezz ta’ din id-difiza, l-ispoll allegat li sar mill-intimati kif espress mir-rikorrenti issa jidher li qed jigi allegat mill-intimati li sar mir-rikorrenti meta unilateralment u bi ksur tad-drittijiet tal-intimati hu ghalaq il-passagg in dizamina u mblokka l-access li l-intimati kellhom bir-rigel – ghall-eghlieqi taghhom li huma cirkondati b’raba’ iehor minn kullimkien;

“Ikkunsidrat:

“Illi din il-qorti kif preseduta, ghalkemm giet involuta tardivament fil-vertenza odjerna kkonduciet access fl-eghlieqi in dizamina fejn konsegwentement thoss li ghandha tesprimi s-segwenti osservazzjonijiet:

1. “Illi ilha hafna ma tesperjenza animozita` bruta li kkonstatat li tezisti bejn il-konendenti – haga ferm preokkupanti stante li l-istess kontendenti jidher li jirrifjutaw il-ko-ezistenza pacifika favur l-animozita` bruta li ovvjament ihaddnu lejn xulxin;

2. “Illi dan ir-rifjut tal-koezistenza civili bbazat fuq il-principju tal-buon vicinat hu ferm preokkupanti u jistimula lil din il-qorti biex theggeg lill-partijiet involuti jiddesistu minn dan l-agir u theggighom jikkultivaw agir ibbazat fuq il-principju fuq riferit u jiddesistu mill-attitudini purament egoistika li rriskontrat – altrimenti l-futur bejniethom xejn ma jawspika tajjeb;

“Ikkunsidrat:

“Illi in effetti jirrizulta li f’din is-saga riskontrata kienet giet wkoll involuta l-Pulizija li kienet kostretta tinizja procedura ta’ natura kriminali li stante n-nuqqas ta’ sustanza riskontrata jirrizulta li nnawfragaw b’mod grossolan, (ara fol 123-124);

“Ikkunsidrat:

“Illi tenut kont tas-suespost sintetikament jirrizulta s-segwenti:

1. “Illi l-intimati Tabone u Sandy Zammit huma ghal kollox estranei ghall-vertenza de quo u ghalhekk qed jigu mmedjatament liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez ta’ dan kontra r-rikorrenti Mangion;

2. “Illi hu minnu li r-rikorrenti hu l-proprjetarju tal-ghalqa meritu ta’ din il-vertenza, u jirrizulta minnu wkoll li l-intimati huma l-proprjetarji ta’ dik adjacenti ghaliha;

3. “Illi pero` d-dinja ma tirrizultax li bdiet bl-apparenza tar-rikorrenti Mangion fil-vertenza meta hu xtara l-ghalqa de quo fil-15 ta’ Frar, 2003, in atti tan-Nutar Micallef fuq riferit;

4. “Illi in effetti, l-awtur tal-intimati, certu Carmel Tabone, kien ilu jezercita d-dritt tieghu li jaccedi ghall-ghalqa tieghu bir-rigel minn dik illum proprjeta` tar-rikorrenti, u li l-istess dritt kien ghalhekk ukoll gie debitament, legittimament u legalment mghoddi lill-eredi tieghu meta hu ghadda ghal hajja ahjar;

5. “Illi ghalhekk l-ispoll rilevanti sar meta l-istess rikorrenti, b’arditagni immana ferm kundannabbli u perikoluza, unilateralment qabad u mblokka l-access in dizamina billi bena hajt bil-gebel;

6. “Illi ghalkemm din l-attitudini egoistika hi wahda li din il-qorti rriskontrat f’okkazjonijiet innumerevoli, xejn ma jiggustifika r-*ragion fattasi* riskontrat li hi biss espressjoni ta’ incivilta` u ta’ regettar komplet tas-Sovranita` tad-Dritt – haga li din il-qorti kif preseduta

tirrigetta b'forza stante anke li hu d-dmir taghha li tirribatti b'vehemenza;

"Ikkunsidrat:

"Illi ghalhekk, ghalkemm il-procedura odjerna giet intavolata mir-rikorrenti ghall-allegat spoll da parte tal-intimati, jirrizulta minflok li hu l-istess rikorrenti li kkaguna l-ispoll li jirrizulta meta b'disprezz ghac-civilta` u ghall-principju tal-konvivenza civili, il-buon vicinat u s-Sovranita` tad-Dritt – oltre ghad-dettami specifici tal-Kodici Civili – ha l-ligi f'idejh u b'mod abbuziv imblokka l-access li l-intimati - l-awtur taghhom - kienu ilhom igawdu snin twal;

"Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, filwaqt li tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Mangion fuq elenkati, takkolji r-risposti l-ohra sottomessi mill-intimati u konsegwentement tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kollha l-ohra wkoll kontra r-rikorrenti Anthony sive Twanny Mangion."

**Rikors tal-appell tar-rikorrent Anthony sive Twanny Mangion:**

**3.** Ir-rikorrent Anthony Mangion ħass ruħu aggravat bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interpona dan l-appell minnha.

**4.** L-ilment prinċipali tiegħu hu li l-ewwel Qorti ma avveratx il-provi prodotti, anzi għamlet għal kollox valutazzjoni errata tagħhom, kompletament distakkata mir-realta` riżultanti mill-atti proċesswali; inoltre, wettqet apprezzament żbilanċjat tal-fatti u wkoll malament intepretat ċertu aspetti tal-vertenza li ma kinux in kontestazzjoni.

**5.** Huwa jgħid li l-ewwel Qorti ma espletatx indaġini dwar il-vertenza ta' bejn il-partijiet iżda għaddiet biex tindirizza kawża fuq binarji *toto coelo* distinti minn dak aġitat quddiemha. Ikompli jgħid li għalkemm il-kawża kienet waħda ta' spoll privileġġjat, bid-difiża tal-*vim vi repellere licet* da parti tal-intimati, xejn minn dak prodott bħala

prova u xejn mill-ingredjenti legali li jsawwru l-azzjoni u r-relattiva difiża ma jinsab rifless fil-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti.

**6.** Jargumenta li dak li kien in kontestazzjoni kien jekk l-egħmil tal-intimati kienx jikkwalifika bħala spoll ai termini tal-liġi u jekk l-istess intimati agixxewx *ex continenti* u/jew *ex intervallo* meta ddemolixxew il-ħajt in kwistoni, u jsostni li biex dan jiġi stabbilit il-provi kellhom jiġu oġġettivament analizzati fil-qafas tal-*actio spolii* kif kodifikata fl-Artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili u kif amplijati fil-ġurispudenza Maltija. Jilmenta li l-konsiderazjzonijiet tal-ewwel Qorti jidhru mfassla fuq binarji differenti li saħansitra wassluha tiddikjara li kien ir-rikorrent li wettaq l-ispoll meta dan ma kienx in kontestazzjoni. Jaċċenna għall-fatt li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti m'għandhom l-ebda rabta mal-avvenimenti proċesswali: imkien ma hemm riferenza jekk l-azzjoni attriċi ġietx sodisfatta għal dak li jikkonċerna l-element ta' *infra bimestre deduxisse*, dak tal-*possedisse* u dak ta' *spoliatum fuisse*.

**7.** Dwar il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju ta' Catherine sive Carry Tabone u Sandy Zammit, fejn l-ewwel Qorti sempliċiment qalet li dan kienet qed tagħmlu għaliex dawn huma estranei għall-vertenza *de quo*, ir-rikorrent jilmenta li kien ikun mistenni u xieraq li l-Qorti tal-prim istanza effettivament tagħti r-raġunijiet tagħha.

**Risposta tal-intimati appellati għar-rikors tal-appell ippreżentat mir-rikorrent Anthony sive Twanny Mangion:**

**8.** L-intimati appellati jgħidu li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, iżda r-risposta tagħhom, minflok ma tirribatti l-ilmenti tar-rikorrent appellant tikkonsisti sempliċiment f'*copy and paste* tan-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom tas-17 ta' Mejju 2012.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

**9.** Din hija azzjoni possessorja magħrufa bħala l-*actio spolii*.

**10.** Jirriżulta li r-rikorrent appellant għandu għalqa adjaċenti għall-għalqa tal-intimati (li l-awtur tagħhom kien ċertu Carmel Tabone). Huwa xehed li kien jittollera lil dan Carmel Tabone jgħaddi minn fuq ir-raba tiegħu iżda wara l-mewt tiegħu[1] huwa għalaq il-fetħa li kien hemm bejn iż-żewġ egħlieqi. Jgħid li l-fetħa għalaqha għal nofs April 2007. L-intimati ndunaw li kienet ingħalqet il-fetħa fl-1 ta' Lulju 2007[2] u dak in-nhar stess waqqgħu parti mill-ħajt diviżorju; fil-fatt huma stess kienu għamlu rapport mal-pulizija dwar dan.

**11.** Il-verżjoni tal-intimati appellati hi li mhux minnu li r-rikorrent appellant kien jippermetti u jittollera lil Carmel Tabone jgħaddi minn fuq ir-raba tiegħu. Isostnu li l-ħajt twaqqa' minn Emanuel Zammit u John Muscat[3] in tutela tad-drittijiet tagħhom in konsonanza mal-prinċipju *vim vi repellere licet* stante li kienu huma li ġew spoljati mid-drittijiet tagħhom fl-ewwel lok mir-rikorrent Mangion bl-għeluq tal-fetħa. Jargumentaw illi huma effettivament għandhom dritt ta' passaġġ bir-riġel minn fuq ir-raba tar-rikorrent u dan id-dritt kien ilu jiġi enforzat anke mill-awtur tagħhom Carmel Tabone għal snin twal.

**12.** Il-Qorti f'kawża ta' spoll għandha teżamina l-provi u l-verżjonijiet (ħafna drabi konfliġġenti) tal-kontendenti fid-dawl tal-liġi u tal-ġurispudenza relattiva sabiex tistabbilixxi jekk effettivament seħħx l-ispoll lamentat mir-rikorrent jew le. Irid fl-ewwel lok jiġi stabbilit jekk il-kawża saritx fi żmien xahrejn mill-atti lamentati, jekk min għamel il-kawża

---

[1] "*Sfortunatament dan Tabone ma tantx dam għaddej minn din il-fetħa li kien hemm bejn il-ħajt diviżorju u fil-fatt miet fit-23 ta' Marzu 2007*" (Affidavit tar-rikorrent, fol 57 et seq) /"*Carmelo Tabone miet f' Marzu 2007*" (Affidavit ta' Emanuel Zammit fol 112 et seq)

[2] "*Qabel dak in-nhar il-ħajt ma rajtux drabi oħra. Minn meta miet il-kunjatu sal-1 ta' Lulju veru ma niftakarx mortx hemmhekk.*" (xiehda in subizzjoni ta' Emanuel Zammit, fol 90 et seq)/*"Ma nafx meta tella' l-ħajt l-attur pero` dan ġara wara li miet iz-ziju*" (xhieda in subizzjoni ta' John Muscat, fol 71 et seq)

[3] (u mhux mill-intimati l-oħra Sandy Zammit u Catherine sive Carry Tabone)

kellux il-pussess tal-ħaġa spoljata u jekk l-atti lamentati effettivament seħħewx.

**13.** F'dan il-każ għalhekk kellu jiġi stabbilit:

(i) meta twaqqa' l-ħajt - u cioe` meta regghet infethet il-fetħa ta' bejn l-għelieqi - u jekk dan kienx iktar jew inqas minn xahrejn qabel l-24 ta' Awwissu 2007 meta saret din il-kawza,

(ii) jekk ir-rikorrent kellux il-pussess tal-għalqa li tagħha twaqqa' l-ħajt u tkissret il-katusa, u

(iii) jekk effettivament il-ħajt twaqqax (u l-katusa tkissritx) da parti tal-intimati jew min minnhom.

**14.** Inoltre, meta f'kawża bħal din jitqajjem il-prinċipju tal-*vim vi repellere licet* bħala difiża da parti tal-intimati jrid jiġi nvestigat ukoll jekk dan l-aġir spoljattiv da parti tagħhom kienx proprju riżultat ta' egħmil spoljattiv vjolenti da parti tar-rikorrent innifsu, jekk ir-reazzjoni biex tirribatti dan l-egħmil seħħx minnufih jew fi żmien qrib, u wkoll jekk seħħx fl-istess ċirkostanza li seħħ l-għemil spoljattiv.

**15.** F'dan il-każ għalhekk kellu jiġi stabbilit:

(i) jekk kienx hemm intervall konsiderevoli bejn meta ingħalaq l-aċċess[4] u meta l-intimati waqqgħu il-ħajt (u cioe` fl-1 ta' Lulju 2007), għax f'tali każ ir-reazzjoni tagħhom ma kinitx tista' titqies bħala waħda immedjata u d-difiża tagħhom tal-"*vim vi repellere licet*" tfalli,

(ii) jekk qabel ma ġie imblokkat il-passaġġ mir-rikorrent, kellhomx l-intimati jew l-awtur tagħhom il-<u>pussess</u> tal-passaġġ, jew kinux jgħaddu sempliċiment b'tolleranza da parti tar-rikorrent;

---

[4] *Skont ir-rikorrent dan kien f' nofs April 2007; filwaqt li l-intimati Emanuel Zammit u John Muscat, għalkemm xehdu li l-ħajt tela' wara li miet Carmel Tabone, ma jafux meta fil-fatt sar.*

(iii) jekk l-egħluq tal-fetħa u t-twaqqiħ tal-hajt jikkwalifikawx bħala l-istess ċirkostanza.

**16.** L-ewwel Qorti ma daħlitx f'dawn il-konsiderazjzonijiet. Fil-fatt il-kelma "pussess" lanqas biss tissemma fil-konsiderazjzonijiet tagħha nonostante l-fatt li din hija kawża possessorja.

**17.** L-ewwel bdiet billi tat ċanfira lill-partijiet għall-fatt li teżisti animożita` bejniethom (ħaġa li sikwit teżisti bejn kontendenti li jispiċċaw fil-qrati) u rriferiet għall-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra tlieta mill-intimati fejn spiċċaw liberati mill-akkużi kontrihom minħabba li ma ġewx suffiċjentement pruvati.

*Il-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudiżżju ta' Sandy Zammit u Catherine sive Carry Tabone:*

**18.** L-ewwel Qorti imbagħad ddeċidiet illi l-intimati Sandy Zammit u Catherine sive Carry Tabone huma għal kollox estranei għall-vertenza de quo u għalhekk illiberathom mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent. Kif jilmenta r-rikorrent appellant, l-ewwel Qorti ma tat assolutament l-ebda raġuni għaliex dehrilha li dawn huma estranei għall-vertenza de quo. Għalkemm Emanuel Zammit xehed li effettivament kien hu u l-intimat l-ieħor John Muscat li ħattew il-ġebel[5] (u mhux in-nisa intimati), jirriżulta li meta sar ir-rapport lill-pulizija lkoll kemm huma kienu ammettew mal-ispettur li waqqgħu iċ-ċint. L-ewwel Qorti ma għamlet l-ebda konsiderazjzonijiet dwar l-aspett tal-kompliċita`.

*Id-difiża tal-"vim vi repellere licet"*

**19.** Kif diġa` ingħad, u kif jilmenta r-rikorrent appellant, l-ewwel Qorti ma daħlet xejn fit-tlett elementi li għandhom jiġu ppruvati biex il-kawża ta' spoll tirnexxi. Donnha kkunsidrat id-difiża tal-"*vim vi repellere licet*" sollevata mill-intimati mhux bħala ġustifikazzjoni da parti tal-istess

[5] fol 112 et seq.

intimati għall-aġir tagħhom, iżda bħallikieku ġiet invertita l-azzjoni ta' spoll minn waħda magħmula mir-rikorrent għal waħda magħmula mill-intimati. Hija kkummentat li ma rriżultax li d-dinja bdiet bl-apparenza tar-rikorrent meta huwa xtara l-għalqa tiegħu iżda li invece Carmel Tabone kien ilu jeżerċita d-dritt tiegħu li jaċċedi għall-għalqa u dan id-dritt ġie mgħoddi lill-eredi tiegħu u li għalhekk kien ir-rikorrenti li ikkommetta spoll fil-konfront tal-intimati.

**20.** Issa biex jiġi dikjarat li r-rikorrent kien effettivament ikkommetta spoll fil-konfront tal-intimati kellu jiġi stabbilit jekk l-istess intimati (jew l-awtur tagħhom) kellhomx il-pussess tal-passaġġ in kwistjoni. Għalkemm kwistjonijiet ta' dritt bħala regola mhux rilevanti f'azzjonijiet possessorji, ladarba ir-rikorrent qed jallega li Carmel Tabone kien jgħaddi mill-passaġġ b'mera tolleranza da parti tiegħu (u mhux għax kellu xi pussess) provi dwar drittijiet isiru ta' rilevanza għaliex l-eżistenza ta' dritt teskludi t-tolleranza. Iżda d-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti li Carmel Tabone kellu dritt ta' aċċess u li kien ilu jeżerċitah ma ġiet sostanzjata bl-ebda mod: la saret xi riferenza għax-xiehda[6] u lanqas għall-kuntratt Dok A li ġie esebit mir-rikorrent[7] u wisq anqas ma saret xi analiżi tal-kontenut tagħhom.

**21.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, għall-prattiċita` l-ewwel ħaġa li kellha tiġi stabbilita għall-finijiet tad-difiża tal-*vim vi repellere licet*", (anke qabel xi konsiderazjzonijiet dwar drittijiet, biex jiġi stabbilit jekk l-intimati kellhomx pussess jew tolleranza) hija l-immedjatezza o meno tar-reazzjoni tal-intimati għall-għeluq tal-fetħa. L-ewwel Qorti ma daħlet xejn fil-kwistjoni ta' kemm kien twil l-intervall bejn meta ingħalqet il-fetħa u meta twaqqa' l-ħajt mill-intimati. Skont

[6] Ix-xiehda hija konfliġġenti: Skont ir-rikorrent Carmel Tabone kien jgħaddi mill-fetħa bil-permess tiegħu u għal żmien qasir biss, sakemm miet. Skont l-intimati mhux talli għandhom dritt ta' aċċess, talli dan l-aċċess kien ilu jiġi eżerċitat għal diversi snin.

[7] fol 5-8, li minnu jirriżulta li fir-rigward tal-art ta' Mangion ġie stipulat li l-art ma hi soġġetta għal ebda dritt favur terzi waqt li rigward l-art li kienu qed jakkwistaw il-koppja Freakley hemm stipulat li din hi soġġetta għal dritt ta' passaġġ bil-vettura u bir-riġel favur il-proprjeta' li kien qed jakkwista Mangion u bir-riġel biss favur il-proprjeta' ta' Carmel Tabone. Dwar dan tal-ahhar Żammit jargumenta li d-dritt ta' passaġġ kien neċessarjament jestendi fuq l-art ta' Mangion.

ir-rikorrent il-fetħa ingħalqet f'nofs April 2007. L-intimati Emanuel Zammit u John Muscat, għalkemm xehdu li l-ħajt tela' wara li miet Carmel Tabone, ma jafux meta fil-fatt sar u jirriżulta li ndunaw bih propju fil-ġurnata li waqqgħuh: l-1 ta' Lulju 2007. Ma għamlet l-ebda konsiderazzjoni l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

**22.** Għal dawn il-motivi din il-Qorti hija tal-fehma li l-lanjanzi tar-rikorrent appellant huma fondati u konsegwentement qegħdha tilqa' l-appell billi tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni appellata tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u tordna li l-atti jiġu rinvjati lura lill-istess Qorti sabiex il-vertenza tiġi definita, ikkonsidrata u trattata abbażi tal-provi prodotti u skont il-liġi u l-ġurispudenza.

**23.** Ir-raġuni għaliex din il-Qorti qed tibgħat l-atti lura minflok ma tgħaddi biex tinvestiga, tikkonsidra u tiddeċiedi l-vertenza hija stess, hija għaliex altrimenti l-vertenza odjerna tkun qiegħdha tiġi investigata kif imiss skont il-liġi għall-ewwel darba minn din il-Qorti u konsegwentement tkun qed iċċaħħad lill-partijiet mill-benefiċċju tad-*doppio esame.*

In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi sa dan l-istadju jibqgħu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------